MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2580/1998/1

**Gasan Insurance Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Mizzi u b'nota tal-11 ta' Jannar, 2000 is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta Gasan Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Mizzi.**

**vs**

**Anthony Mifsud**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi fil 5 ta' Frar 1997 fil-limiti tal Marsa waqt li l-konvenut, Anthony Mifsud kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazjoni U-0695, imhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa habat mall-vettura FAE 121, propjieta tal-assikurat tal-attur Carmel Mizzi, u li dak il-hin keinet misjuqa minnhu;

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza u kif jidher car mir-rapport tal-Pulizija (Dok. LB1);

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura numru FAE 121 garbet hsarat konsiderevoli, izda billi dina kienet assikurata "comprehensive" mas-socjeta' u billi saret "claim" it-tiswja ta' din il-vettura, li giet tammonta ghas-somma ta' Lm1145.06, giet imhallsa mis-socjeta' attrici assikuratrici u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Illi oltre l-ammont ta' Lm1145.06 imhallas mis-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici hallset ukoll ghas-survey Lm.8, halset Lm25 ghall-konsult mall-avukat, halset Lm50 ghall-kiri ta' vettura u Lm3.45 ghar-rapport tal-Pulizija. B'kollox ghalhekk is-socjieta' attrici halset is-somma komplessiva ta' Lm123.51;

Illi l-konvenut interpellat sabiex jghamel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'risultat tal-incident insemmi baqa inadempjenti u kella ssir din il-kawza;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li l-konvenut jghid, previja kull dikjarazjoni necessarja, ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

tiddikjarah unikament responsabbli ghall incident fuq insemmi li gara fil-limiti tal-Marsa fil 5 ta' Frar 1997 u ghad-danni li sofriet is-socjeta' attrici;

tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici b’risultat ta’ dan l-incident fl-amont ta’ Lm1231.51 jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidatat bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Gunju 1997, u ta’ ittra ufficjali ohra ippresentata konstestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie mharrek ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti ta’ Carmel Mizzi, assikurat tas-socjeta’ attrici, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u illi, ulterjorment u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni reklamati mis-socjeta’ attrici huma eccessivi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici;

Semghet lill-konvenut u lix-xhud minnu prodott;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ April 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li l-quantum tad-danni kif reklamat mis-socjeta’ attrici mhux qed jigi kontestat;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil 5 ta’ Frar 1997, ghal habta tad-9.15 am, fil-limiti tal Marsa, fi Triq Dicembru Tlettax, sehh incident stradali li fih kien hemm involuti l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura pick-up tal-marka Kia bin-numru ta' registrazzjoni U-0695 u l-assikurat tas-socjeta attrici li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Fiat Uno numru tar-registrazzjoni FAE121;

Jirrizulta ukoll li s-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghal hsarat li sofriet il-vettura tal-assikurat taghha u dana peress li l-istess vettura kienet assikurata maghha taht polza “comprehensive”. Oltre ghat-tisswija tal-imsemmija hsarat, is-socjeta attrici hallset ukoll ghal xi spejjez ohra, bhal kiri ta’ vettura, u ghalhekk b’kollox is-socjieta’ attrici hallset is-somma komplessiva ta’ elf mitejn u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1231.51). Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha sal-imsemmija somma;

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici assikuratrici tippremetti li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut, li ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident u ghad-danni konsegwenzjali, li sofra l-assikurat tas-socjeta attrici. Ghal dawn il-motivi s-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall incident in kwestjoni u ghad-danni li sofriet is-socjeta’ attrici. Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni fl-imsemmi ammont ta’ Lm1231.51. Konsegwentement qed jintalab ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma hekk likwidata;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-assikurat tas-socjeta’ attrici. F’dan ir-rigward, fid-dikjarazzjoni tieghu, l-konvenut jghid li l-imsemmi

assikurat tas-socjeta attrici kien qed isuq b'velocita eccessiva. Minnghajr pregudizzju l-konvenut qed jeccepixxi ukoll li d-danni reklamati mis-socjeta' attrici huma eccessivi;

Kif gia rilevat il-konvenut eccepixxa ukoll li l-ammont ta' danni reklamati mis-socjeta attrici hu eccessiv. Jirrizulta pero' li fil-kors ta' dawn il-proceduri (verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2001) il-konvenut iddikjara li l-quantum tad-danni kif reklamat mis-socjeta' attrici mhux qed jigi kontestat. Konsegwentement ma hemmx kwestjoni dwar il-quantum tad-danni li qed titlob is-socjeta attrici u ghalhekk, f'kaz li l-pretensjonijiet attrici jirrizultaw b'mod sufficjenti, l-ammont ta' danni li semmai ghandu jigi likwidat u appuntu dak reklamat mill-istess socjeta attrici assikuratrici u cioe' Lm1231.51;

L-assikurat tas-socjeta' attrici xehed li hu kien qed isuq fi Triq Dicembru Tlettax sejjer fid-direzzjoni ta' Kordin Terminal. Huwa qal li kien ghaddej fuq in-naha ta' fejn hemm ic-centre strip u f'daqqa wahda, truck, li wara rrizulta li kien misjuq mill-konvenut, baqa hiereg minn triq laterali fuq ix-xellug tieghu u mar fuq in-naha tat-triq fejn huwa kien qed isuq. Huwa azzjona l-brakes biex jevita il-kollizzjoni pero xorta wahda laqat it-truck. Laqtu fuq il-kaxxa tieghu fin-naha tal-lemin fir-rokna ta' wara;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li kien gej minn Thimber Wharf, u kien hiereg ghal fuq Triq Dicembru Tlettax. L-intenzjoni tieghu kienet li jmur fid-direzzjoni tal-Belt, u ghalhekk kellu jdur madwar ir-roundabout li hemm fl-istess triq. Il-konvenut jghid li qabel ma hareg ghal fuq Triq Dicembru Tlettax, huwa waqaf biex jispezzjona t-triq, u hares fuq in-naha tal-lemin tieghu biex jara jekk kienx gej traffiku. Ra li ma kienx gej traffiku u ghalhekk xeghel l-indicator u hareg ghal fuq l-imsemmija triq. Ghall-ewwel kien qed isuq fil-lane ta' gewwa, pero' kwazi mall-ewwel mar fil-lane l-ohra. Huwa jghid li qabel ma beda diehel ghal fuq il-lane l-ohra, huwa ttawwal biex jara jekk kienx gej xi hadd u ra karozza ohra gejja fuq il-lane ta' barra pero' din kienet 'il boghod hafna. Ra gejja billi hares lura u ra gejja ukoll mill-mera tan-naha tal-lemin tal-vettura

tieghu. Huwa  kkalkola li l-karozza kienet ghada l-boghod u ghalhekk dahal fuq il-lane ta' barra, u dana anke peress li ried idur mar-roundabout. Wara li mexa xi ftit fil-lane fejn kien dahal, il-karozza l-ohra, li ra gejja kemm meta hares lura kif ukoll meta hares mill-mera, baqghet diehla fuq it-truck tieghu. Huwa jghid li qabel il-habta huwa sema break fit-tul. Huwa kkonferma li ra l-karozza l-ohra gejja b'velocita' qawwija pero’ xorta baqa hiereg peress li kkalkola li seta johrog. Huwa kkonferma ukoll li kif wiehed ikun hiereg minn Thimber Wharf sejjer ghal fuq Triq Dicembru Tlettax hemm vizwali pjuttost twila;

Tenut kont tal-provi prodotti, inkluz l-iskizz u l-okkorrenza, presentati mill-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni in kwestjoni u tenut kont ukoll tal-varji rizultanzi, il-verzjoni tal-assikurat tas-socjeta attrici hi aktar kredibbli u tidher aktar verosimili. Difatti l-konvenut jghati verzjoni dettaljata ta’ dak li ghamel meta gie biex jidhol gewwa Triq Dicembru Tlettax u ta’ dak li ghamel wara li dahal ghal go l-istess triq. Il-konvenut jghid li ghamel kollox skond dak li li jirrekjedu r-regolamenti u l-buon sens. Kieku dan hu minnu kieku zgur ma kinitx issehh il-kollizzjoni. Fuq kollox il-konvenut, pero’, jammetti li huwa ma kkalkolax sewwa meta gie biex jidhol fil-lane ta’ barra fejn effettivament sehh l-incident. L-iskizz li gie esibit jindika li l-konvenut ghamel l-imsemmija manuvra, biex biddel il-karreggiata fejn kien ghaddej, tard wisq. Jidher ukoll li l-konvenut ma ta’ ebda indikazzjoni li kien ser jghamel din l-istess manuvra. Il-konvenut jghid li xeghel l-indicator. Huwa jghid li dan xeghelu qabel ma dahal fi Triq Dicembru Tlettax u ghalhekk ferm qabel ma gie biex jghamel l-imsemmija manuvra;

Ghandu jigi rilevat li fl-okkorenza is-Surgent li investiga l-kollizzjoni indika biss li l-konvenut tela minn Timber Wharf minn fuq il-lane ta’ gewwa u kif kien ser idur mar-roubdabout fuq in-naha tal-lemin tieghu u hareg fuq il-lane ta’ barra, gie l-assikurat tas-socjeta attrici minn naha tal-Belt fuq il-lane ta’ barra u z-zewg vetturi habtu. Is-Surgent innota ukoll li l-assikurat tas-socjeta attrici qal li l-konvenut hasdu u qasamlu ghal fuq il-karreggjata tieghu. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz dak li hemm f’din l-

okkorrenza jista jigi aktar assimilat ghal dak li qal l-assikurat tas-socjeta attrici f'dawn il-proceduri;

Inoltre ghandu jigi konsidrat li, kif jammetti l-istess konvenut, minn fejn hareg il-konvenut ghal fuq Triq Dicembru Tlettax, hemm vizwali pjuttost twila. Inoltre hemm distanza relattivament twila minn fejn hareg il-konvenut ghalfejn ried idur l-istess konvenut. Dawn u partikolari ohrajn irendu l-verzjoni tal-konvenut ftit aktar inverosimili;

In vista ta dak kollu li gie premess jirrizulta li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal kollizzjoni in kwestjoni u ghad-danni konsekwenzjali. Minhabba dak li gie premess dawn id-danni ghandhom jithallsu lis-socjeta assikuratrici attrici. Kif ukoll gia gie premess, dawn id-danni ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' elf mitejn u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1231.51);

Ma tirrizulta l-ebda responsabilita' da parti tal-assikurat tas-socjeta attrici u b'mod partikolari zgur li ma jirrizultax li l-istess assikurat tas-socjeta attrici kien ghaddej b'velocita' eccessiva;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall incident in kwestjoni li gara fil-limiti tal-Marsa fil 5 ta' Frar 1997 u ghad-danni li sofriet is-socjeta' attrici, tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' elf mitejn u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1231.51) u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' Lm1231.51 in linea ta' danni u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------